MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-6 ta' April, 2011

Numru. 897/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marisa Camilleri)**
**vs**
**Saviour Cacciattolo**
**Carmel Farrugia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra;

**Saviour Cacciatolo** ta' 44 sena, bin Anthony u Filomena nee' Gatt, mwieled Pieta' nhar id-29 ta' Jannar, 1960 u residenti 18, Triq Lord Gort, Zebbug u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 118360M; u

**Carmel Farrugia** ta' 49 sena, bin Clemente u Carmela nee' Caruana, mwieled Kirkop fit-12 t' Ottubru, 1955 u residenti 13, Triq San Benedittu, Kirkop u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 726955M;

talli fid-29 ta' Lulju, 2000 u fis-snin ta' qabel, fil-fond 'The Knights Restaurant', 39 St. Anthony Street, M'Scala, bhala detenuri tal-imsemmi fond jew bhala persuni li ghandkom f'idejkom l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

Ikkommettejtu serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm1,000 (Lm2,959.82) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur.

Ghamiltu hsara jew ksirtu parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Il-Qorti hi mitluba li f'kaz ta' htija tikkundanna l-hatja ghall-hlas, lir-registratur, ta' l-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tal-11 t'April 2005 li permezz tieghu baghat lill-imputati sabiex ikunu gudikati minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 18, 261(b)(c)(f), 263 sa 27, 270, 278 sa 281, 325, 326 u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-verbal tas-seduta tal-10 ta' Mejju 2005 fejn illi l-imputati rregistraw in-nuqqas ta' oggezzjoni taghhom sabiex dan il-kaz ikun trattat bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati tressqu quddiem din il-Qorti sabiex iwiegbu ghall-akkuzi dedotti kontra taghhom wara li fid-29 ta' Lulju 2004 zewg haddiema tal-Korporazzjoni EneMalta ghamlu spezzjoni ta' rutina fuq il-meter tad-dawl fil-fond "The Knights" f'Marsascala u sabu irregolarita' fis-sigilli. Fi kliem l-istess impjegati, kien hemm zewg sigilli homor imbaghbsa u meta dan il-meter kien ezaminat internament instab li kellu in-"non reversible device" nieqsa izda xorta wahda kien jiffunzjona fis-sens li ma kien hemm xejn x'izomm il-meter milli idur u jirregistra. Din hija l-verzjoni ta' wiehed mill-impjegati ghaliex l-iehor jghid li kienu accedew fil-fond in kwistjoni sabiex ibiddlu l-meter tad-dawl fuq talba li ma kienx jaf jghid jekk kienitx tal-konsumatur jew tal-Korporazzjoni tant li dakinhar kienu marru fuq il-post b'meter tad-dawl gdid bl-iskop li jibdluh ma' dak hemm stallat. Dwar dan l-incident kienet saret inkjesta u r-rizultanzi huma esebiti f'forma ta' process verbal li huwa esebit a fol. 27 sa 61 in atti. L-espert tal-Qorti nominat mill-Magistrat Inkwirenti kien ghamel is-segwenti kostatazzjonijiet (fol 44 *et seq*):

Waqt l-Access l-esponent ikkonstata dak kollu li huwa relevanti mal-kas;

Illi l-imsemmi Fond hu ta' Saviour (Silvio) Cacciattolo u ta' Carmelo Farrugia

Illi dan l-Fond ilu ghandhom minn xi l-1995

Illi mill-1995 sa April tas-sena 2000, dana l-fond tmexxa minn Saviour (Silvio) Cacciattolo, waqt li minn April, 2000, beda jitmexxa minn Carmelo Farrugia.

Illi l-Arlogg tad-Dawl hu tal-Marka ISKRA mahdum fil-Jugoslavja, Tip T36E2, 3 Phase, bin numru tas-serje 15467693 u li jaqra 134410

Illi dana l-arlogg qieghed kif tidhol mill-bieb principali , fuq il-lemin.

Illi n-numru taz-zewg sigillli, homor, ta' ma l-ghata ta' dana l-arlogg huwa 052306 u 052315.

Illi dak bin-numru 052306 huwa mahruq u li dak bin-numru 052315 hu maqtugh.

Illi jidher xi tixwit man-naha t'isfel ta' l-ghata u ta' l-arlogg ndikat

Illi hawn bicca mill-ghata tan-naha t-isfel, in-naha tal-lemin, ta' ma fejn hawn il-vit, imkissra.

Illi ma l-istess naha, izda, n-naha ta' fuq tidher parti nieqsa u li ma tahtha jidher xi qsim.

Illi fuq gewwa ta' l-arlogg fejn hawn in-NON REVERSIBLE DEVICE hawn l-ALJETTA mghawwga u li l-ilsien ta' maghha mhux qieghed hawn.

Illi dan l-arlogg tad-dawl qieghed jirregistra l-konsum elettriku

Illi ma sarx transfer ta' l-arlogg tad-dawl indikat minn fuq Carmel Vella, l-persuna li kien ghandha l-imsemmi fond ghal fuq l-imsemmija Cacciattolo u Carmelo Farrugia.

Illi sa Gunju 2000, Cacciattolo hallas xi kontijiet tad-dawl li jidhru fuq isem Carmelo Vella.

L-istess espert wasal ghas-segwenti konkluzzjonijiet fil-perizja tieghu kif jidher a fol 46:

Illi Saviour (Silvio) Cacciatolo u Carmelo Farrugia huma responsabbli tal-fond "Knights 2", fi Triq Sant'Antnin, Wied il-Ghajn.

Illi Cacciattolo u Farrugia huma responsabbli ghall-arlogg tad-dawl indikat

Illi d-danni tal-hsarat inwettqa fl-imsemmi arlogg tad-dawl jammontaw ghal mitt lira Maltin – LM100

Illi l-valur tal-kurrent elettriku li setgha nsteraq mill-imsemmi arlogg ghad mhux mgharuf

Illi s-sigilli ta' dana l-arlogg tbaghbsu sabiex setgha jinfetah, inqala' l-ilsien ta' ma' l-aljetta tan-non reversible device u b'hekk id-diska ma setghetx iddur u ma irregistrax il-konsum elettriku li kien qed jintuza.

L-Ispettur Marisa Camilleri xehdet illi l-fond jitmexxa minn Saviour Cacciattolo u Carmelo Farrugia u gurnata qabel l-incident, certu Anthony Grima kien ghamel rapport dwar hsara fid-dawl tal-fond. Dan il-persuna kien fuq is-sit meta saret l-ispezzjoni mill-impjegati tal-EneMalta;

Rapprezentant tal-Korporazzjoni EneMalta xehed illi bejn l-25 ta' Jannar 1996 u d-29 ta' Lulju 2002 huwa stmat li l-konsum mhux registrat izda konsmat fil-fond in kwistjoni jammonta ghall Lm2,959 [illum ekwivalenti ghal €6893] u dan bazat fuq il-konsum qabel l-1996 fuq medja ta' 98 unit kulljum. Xehed ukoll illi l-konsumatur registrat mal-korporazzjoni huwa certu Charles Vella.

Charles Vella xehed illi il-fond ilu licenzjat fuqu mill-1983 u ghadu jidher hekk sal-lum minkejja li kien wellieh lill-imputati fis-sena 2000. Fil-mori tax-xhieda tieghu, Vella zied jippreciza illi t-twellija saret favur fl-1995 favur certu Vella u dan tal-ahhar ghaddieh lil certu Frankie Grima u kien dan li ghaddieh lill-imputat Cacciatolo.

L-imputat Saviour Cacciattoli ghazel li jixhed u qal li kien kera l-fond Knights 2 f'Marsascala minghand Charlie Vella u dan in forza ta' kuntratt minnu esebit bid-data ta' Frar tal-1996. Carmelo Farrugia kien dahal bhala garanti ghall-obbligi naxxenti minn din il-kirja u kien ghalhekk li jidher fuq dan l-istess kuntratt. Peress illi kellu hanut iehor f'Birzebbugia ma setghax jibqa' jopera dak in dizamina u ghalhekk wara xi sitt snin tah f'idejn Anthony Grima sabiex dan jopera l-hanut. Il-ftehim kien li Grima imexxi l-hanut, ihallas l-kontijiet kollha inkluz il-permessi. L-iskop kien li l-imputat jonora l-obbligi tieghu ma' sid il-kera u ma jghalaqx il-hanut. L-imputat Farrugia kien irrakkomanda lill-Grima u ghaddielu l-operat minghajr ebda rigal jew partecipazzjoni fil-profitti. Il-kontijiet tad-dawl kienu jithallsu b'mod regolari u meta imbidel il-meter wara dan l-

incident, il-kontijiet bdew jaslu b'ammont anqas minn qabel.

L-imputat Carmelo Farrugia ikkonferma li dahal fix-xena kollha bhala garanti ghal obbligu tal-hlas tal-kera mill-imputat Cacciattolo u sussegwentement meta intalab mill-istess imputat sabiex jissugerixxi lil xi hadd biex jghaddi l-operat tar-restaurant f'idejh u kien fil-fatt ressaq lil Anthony Grima ghal dan il-ghan.  Kien Anthony Grima li kien cempel lill-imputat Farrugia biex jinzel fuq il-post meta instabet l-irregolarita' fil-meter tad-dawl.

Dan kollu ikkonfermah Anthony Grima li qal li oltre x-xoghol fiss tieghu kien imexxi dan il-fond filghaxijiet wara li Farrugia kien ressqu ma' Cacciattolo sabiex fi kliemu "imexxieh, nifthu, nixtri li jkun hemm bzonn" (fol 142). Ghal dan il-ghan kien infetah kont bankarju – id-dhul kien ikun depozitat kollu fil-kont u l-ispejjez jinhargu minnu u Grima kien jiehu milli jibqa' bhala forma ta' hlas.  Il-lejl ta' qabel kien mar id-dawl fil-fond in kwistjoni u kien hu li cempel lill-EneMalta u ftit tal-hin wara l-impjegati tal-korporazzjoni kienu irrangaw il-problema.  L-ghada filghodu, waqt li kien qed jaghmel xi preparamenti fil-fond, haddiema tal-EneMalta kienu infurmawh li kien hemm xi problema bil-meter.  In kontro-ezami dan ix-xhud qal li l-qliegh li kien isir minn dan il-fond ma kienx jinqasam ghaliex hu kien qed jaghmel dan kollu bi pjacir ghaliex hu kien xtaq jahdem f'bar.  L-introjtu kien jidhol fil-kont u minnu jithallsu l-ispejjez.

Mill-provi mressqa ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti jemergi illi hemm erba  persuni li b'xi mod ghandhom konnesjoni ma' dan il-fond izda mhux necessarjament ghall-fini ta' proceduri kriminali.  Charles Vella huwa s-sid tal-fond izda dan kien wella n-negozju lil Saviour Cacciattolo skond ma jirrizulta sia mix-xhieda prodotta kif ukoll mid-dokumenti esebiti.  Vella, izda, ilu li trasferixxa l-pussess tal-operat snin qabel u minkejja li l-licenzji ghadhom jidhru fuq ismu, huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni ulterjuri mal-imptuati ghaliex dan il-fond huwa mwelli lil Saviour Cacciattolo.  Wisq gustament ghalhekk il-prosekuzzjoni ma dahlitx lil Charles Vella fix-xena.

Carmelo Farrugia, izda, tressaq biex iwiegeb ghal akkuzi odjerni minghajr ma ghandu ebda irbit mal-fond fejn kien stallat dan il-meter. Hu deher fuq il-kuntratt bejn Vella u Cacciattolo bhala garanti ta' l-istess Saviour Cacciattolo u ma kellu l-ebda sehem fil-gestjoni tal-fond, izda meta l-pulizija kienu baghtu ghall-Anthony Grima huwa kien cempel lill Farrugia biex jinzel fuq is-sit u ghalhekk l-pulizija abbinawh mal-gestjoni tan-negozju. Infatti l-gestjoni vera u proprja kienet f'idejn Anthony Grima u dan ghaliex kif jirrizulta sodisfacentment pruvat Saviour Cacciattolo ma setghax ilahhaq ma' zewg postijiet u sabiex jibqa jonora l-obbligi lokatizji tieghu ma' Vella kien offra l-gestjoni tal-fond lill Grima minghajr hlas basta l-fond jibqa' miftugh ghan-negozju. Ir-registered Consumer kien u ghadu Charles Vella skond ma jirrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tal-korporazzjoni EneMalta (fol 103 et seq) oltre d-dokumenti minnu esebiti (fol 107 u 108).

L-imputati huma akkuzati fil-kwalita' taghhom *qua* detenturi tal-fond in kwistjoni u ghalhekk minghajr ebda ezitazzjoni din il-Qorti hija tal-fehma li Carmelo Farrugia ghandu jkun liberat mill-akkuzi kollha stante li la hu detentur jew pussessur tal-fond wisq anqas tan-negozju fejn hu stallat dan il-meter.

In rigward tal-akkuzi kontra Saviour Cacciattolo, jehtieg ikun deciz jekk kienx l-imputat li kellu iwiegeb ghal din l-akkuza jew persuna ohra minfloku u dan l-ezercizzju jassumi certu relevanza u importanza minhabba l-presunzjoni "*feroci*" *(Pulizija vs Raymond Abela App Krim 16.7.1990)* li tezisti kontra kull imputat f'kawzi ta' din in-natura u cioe dik ravvizata fl-artikolu 264 (2) tal-Kap 9 li jipprovdi hekk:

**264 (2) Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-*meters* taghhom, jew ta' xi sigilli ta' xi *meter*, jew fil-kaz ta' l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista', jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-*meter* tal-kwantità mehuda jew**

**ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skond ma jkun il-kaz.**

Huwa fondamentali ghall-akkuza bhal dik in dizamina, illi meta si tratta tas-sid jew id-detentur tal-fond fejn ikun jinsab il-meter, l-istess sid jew detentur huwa prezunt li kien jaf bl-uzu jew konsum illecitu. Dan ma jfissirx li ebda persuna ma tista' titressaq quddiem il-Qorti jekk ma tkunx is-sid jew id-detentur tal-fond, izda jfisser biss illi f'kaz li l-akkuzat ikun is-sid jew detentur tal-fond, huwa prezunt li kien jaf b'tali irregolarita'. Mill-ezami tal-provi akkwiziti dwar dan l-ewwel aspett huwa evidenti illi s-sid tal-fond huwa Charles Vella, li kien ghadda l-fond f'idejn Saviour Cacciattolo li da parti tieghu ghadda l-gestjoni f'idejn Anthony Grima. L-imputat huwa akkuzat bhala detentur tal-fond izda dan jehtieg li jkun pruvat mill-prosekuzzjoni qabel ma tiskatta l-presunzjoni ta' xjenza tal-fatti kontra tieghu, haga din li ma tirrizultax u kwindi l-presunzjoni tal-artikolu 264 (2) ma tapplikax fil-konfront tieghu, bil-konsegwenza li jispetta issa lill-prosekuzzjoni tipprova li l-imputat kien jaf b'tali irregolarita'. Ghas-skanz ta' ekwivoku, l-prosekuzzjoni tista' tressaq lil kull minn jidrilha li ghamel xi tbaghbis f'meter tad-dawl anke jekk ma jkunx is-sid jew detentur tal-fond. Izda meta tressaq persuna u takkuzah li ghamel tbaghbis bhala d-detentur meta detentur ma jirrizulta, allura l-prova li tehtieg ggib il-prosekuzzjoni hija dik gravanti kull kaz kriminali minghajr l-prezunzjoni ta' xjenza da parti tal-imptuat. Jirrizulta illi fil-lejl ta' qabel kienet "skoperta" din l-irregolarita' f'dan il-meter, Anthony Grima kien talab l-assistenza tal-Korporazzjoni EneMalta ghaliex proprju f'dak il-lejl kien hemm hsara fid-dawl tal-fond in kwistjoni. L-edetti tal-EneMalta kienu fil-fatt accedew fuq il-fond u sewwew il-hsara. Izda l-prosekuzzjon ma ressqitx lil dawn il-persuni biex jixhdu u dan huwa ta' massima importanza ghal din il-Qorti ghaliex kif tajjeb qal Saviour Cacciattolo, l-meter *de quo* dejjem inqara mill-*meter reader* u qatt ma sab xejn x'jirraporta specjalment jekk sab zewg sigilli wiehed

minnhom mahruq. Jekk dan qatt ma ra xejn sinistru certament li l-edetti tal-EneMalta kellhom jaraw xi haga mhix f'postha proprju ftit sighat qabel izda la ttellghu biex jixhdu u anqas ingieb bhala dokument xi rapport li setghu ghamlu huma lis-superjuri taghhom. L-imputati t-tnejn jichdu li qatt ghamlu xi tbaghbis f'dan il-meter fejn wiehed mis-sigilli kien mahruq u l-iehor kien maqtugh. Jekk il-hruq kienx kawza tal-hsara li kien hemm il-lejl ta' qabel jew le jibqa' fattur li kellu jkun stabillit mill-prosekuzzjoni, haga din li ma saritx.

Ghal dawn il-motivi, ma ssibx lill-imputati hatja u tilliberahom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------